



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2019
(OR. en)

7605/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0082 (NLE)

WTO 81
SERVICES 22
COASI 45

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,
ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri
u l-Proċedura ta' Medjazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika¹ (“il-Ftehim”) ġie approvat f’isem l-Unjoni fl-20 ta’ Diċembru 2018 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Frar 2019.
- (2) Il-Ftehim jistabilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura li l-Ftehim jopera kif suppost u b’mod effettiv u jistipula li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu, ir-Regoli ta’ Proċedura ta’ Bord, il-Kodiċi ta’ Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta’ Medjazzjoni.
- (3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (4) Jenħtiegħ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż l-annessi, kif meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
